MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Numru 42/1989

IL-PULIZIJA
(Spettur Joseph M Azzopardi)
(Spettur John Mifsud)
(Spettur Neil Harrison)
vs
P Theuma

Kumpilazzjoni numru 42/89

Illum 22 ta' Gunju 2005.

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat u dan talli f'dawn il-gzejjer f'dawn l-ahhar sentejn qabel l-4 ta' Frar 1989, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medica (Kokajina) f'dawn il-gzejjer kontra d-dispo-sizzjonijiet tal-Ordinanza jew li ppromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanza l-assocjazzjoni bi ksur tal-Artikolu 22 (1) (ii) (f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista tigi importata medicina perikoluza (Kokajina) f'dawn il-gzejjer hlief skond id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi Kap 101 bi ksur tal-artikolu 14 (5) ta' din l-Ordinanza.
3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga (Kokajina) specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi Kap 101 meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall- esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonjiet tas-sitt taqsima tal- Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-drogi u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-President tar- Repubblika ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-Drogi perikoluzi (G.N 292/1939) mill-President tar-Repubblika ta' Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija kienet giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 100 tar-Regoli tal-1939 ghal kontroll intern tat-drogi perikoluzi (GN292/1939).
4. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga (Kokajina) specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-kontroll tal-Medicini Perikoluzi Kap 101 lil persuni jew ghal xi persuni minghajr ma kellu licenzja kif ukoll ghalih nnifsu liema licenzja tkun mahruga mill-President tar-Repubblika ta' Malta sabiex iforni drogi u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-tabib principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzazzjoni li jimmanifattura d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939.

5. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis jew parti minnha bi ksur tal-artikolu 8 (d) tal-kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.
6. Importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista tigi mportata medicina perikoluza f’dawn il-gzejjer hlief skond id-dispozizzjonijiet tal-kap 101 bi ksur tal-Artikolu 14 (5) ta’ din l-Ordinanza.
7. Minghajr il-permess tal-Ministru responsabbli ghal Finanzi bhala persuna residenti f’Malta ghamel hlas barra minn Malta lil jew ghak-kreditu ta’ persuna mhux residenti u ghamel xi haga li tinvolvi, kellha x’taqsam ma jew kienet preparatorja ghall-ghemil ta’ xi hlas bhal dak kif ukoll minghajr il-permess tal-Ministru bhala persuna residenti ghamlet jew obbligat ruhha li taghmel investiment barra minn Malta u naqas milli jaghmel prospett lil Ministru b’dak il-mod, f’dak iz-zmien jew zminijiet u f’dak il-perjodu lil Ministru ordna u naqas li jaghti dawk il-partikolaritajiet dwar dak l-investiment kif mehtieg mill-Ministru.
8. Huwa jinsab komplici fir-reati msemmija hawn fuq meta ta ordni lil haddiehor biex jaghmlu dawn id-delitti jew gieghel li dawn id-delitti jsiru b’mezzi ta’ rigali, weghdiet, theddid, maniggi jew ghemil qarrieqi jew b’abbuz ta awtorita jew setgha jew li ta struzzjonijiet biex isiru dawn id-delitti b’xi mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitti msemmija fl-atti li bihom dawn id-delitti gew ippreparati jew ikkunsmati kif ukoll xewwex lil haddiehor inkella sahhah il-volonta tieghu sabiex jghamel dawn id-delitti jew wieghed li wara l-fatt jassistihom, jieqaf maghhom jew jikkompensahom bi ksur tal-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali.
9. Kiser il-kundizzjonijiet tal-artikoklu 9 tal-Att XII tal-1957 li taghhom kien gie liberat li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt xhur mid-19 ta’ Ottubru 1988 b’sentenza tal-Qorti ta’ Ghawdex.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali a fol 6a tal-atti u li biha ordna sabiex l-imputat jitressaq quddiem <u>il-Qorti Kriminali</u> biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta) kif ukoll il-kunsens tal-istess Avukat Generali (fol 7 ibid) sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra l-istess imputat talli kiser id-dispozizzjonijiet tal-Att

tal-1972 dwar il-Kontroll fuq il-Kambju (Att numru XLIX tal-1972).

Rat id-digriet tal-Qorti bhala wahda Struttorja kif diversament preseduta u moghti fis-6 ta’ Frar 1989 skond l-artikolu 22 (a) tal-Kapitolu 101 citat.

Rat il-kontro ordni tal-istess Avukat Generali a fol 268 tal-atti u li biha ordna illi l-istess imputat jigi presentat quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta bhala wahda ta’ Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-imsemmi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll id-digriet tal-astensjoni ossija rikuza moghti fit-12 ta’ Frar 1993 (fol 270 tal-atti).

Semghet lill-akkuzat minn jeddu kif ukoll semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti esebiti mill-istess akkuzat.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in forma preliminari jigi nnotat illi din il-Qorti kif preseduta kienet saret taf, waqt li kienet iddiferit dan il-kaz ghas-sentenza, illi kien hemm kaz iehor li seta kien relevanti ghal dan, minhabba li kif diga gie premess, ftit wara li giet terminata il-kumpilazzjoni tal-provi tal-prosekuzzjoni, il-Magistrat sedenti kien irrikuza ruhu kif rizultanti mid-digriet moghti fit-12 ta’ Frar 1993. Dak il-kaz li saret referenza ghalih kien “Il-Pulizija vs Joseph Bartolo” deciz mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta’ Settembru 1999 (Appell numru 173/98) u ddecidiet il-punt dwar x’ghandu jigri f’kaz li “ ... Il-Qorti li tat is-sentenza fil-konfront tieghu (tal-akkuzat fil-kaz citat) .... ma kienitx semghet il-provi, sia dawk tal-prosekuzzjoni u sia dawk tad-difiza inkluz lilu stess”. Fil-kaz in desamina, kif jidher mill-istess atti<u>, il-Qorti kif issa preseduta kienet semghet il-provi tad-difiza izda mhux dawk prodotti mill-prosekuzzjoni waqt il-kumpilazzjoni,</u> u ghalhekk l-istess Qorti ezaminat is-sentenza citata u rat jekk f’dan il-kaz kellha l-obbligu li tisma mill-gdid il-kumpilazzjoni u l-provi kollha hemm prodotti. Minn tali esami, jidher li fis-sentenza citata

jinghad illi dan ghandu jsir f'kaz li jinvolvi kredibilita ta' xhieda u l-valutazzjoni li ghandha taghmel il-Qorti tal-istess xhieda mill-lat ta' kredibilita sabiex tkun tista taghti gudizzju dwar htija o meno skond il-Ligi. Dan premess u b'referenza ghall-kaz in desamina, jidher, kif ser jinghad aktar l-isfel, li hemm kwisjtoni ta' kredibilita in rigward il-provi prodotti mill-akkuzat, inkluza ix-xhieda tieghu, waqt li l-istess kwistjoni ma hiex involuta fil-provi prodotti mill-prosekuzzjoni stante li din il-kwistjoni ma tqajjmitx mill-istess difiza.

Ghalhekk peress li x-xhieda in difesa instemghu 'viva vove' minn din il-Qorti, kif preseduta, l-istess Qorti ser tiddeciedi l-mertu ta' dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-provi prodotti jkun opportun li fil-bidu ssir referenza ghax-xhieda tas-supretendent Joseph M Azzopardi (fol 12 et seq ibid) li spjega illi fl-1 ta' Frar 1989 l-ispettur John Mifsud kien informah li kienet waslet informazzjoni minn barrra minn Malta li f'Malta kellu jasal pakkett li seta jikkontjeni droga. Wara li l-Magistrat tal-ghassa kien ta' ".... il-permessi necessarji biex dan il-pakkett jintbaghat partikolarlment mal-Kaptan tal-ajruplan....", l-istess Magistrat kien inkariga lill-istess spettur John Mifsud u lil Herbert Agius sabiex jircievu l-istess pakkett u jikkonsenjah lill-istess Magistrat. Fill-fatt hekk gara u dawn it-tnejn minn nies kienu marru fl-ufficju tal-istess xhud fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija b'pakkett. Hawnhekk fl-istess ufficju wara li kien wasal il-Magistrat tal-Ghassa, infetah l-istess pakkett li kien issigillat f'envelope esebit in atti a fol 30 bhala Dok A. Jidher li f'dan kien hemm "ittra pakkett" indirizzata lil Peter Theuma ta' Triq il-Palma Victoria Ghawdex u bhala kontenut go fih kien hemm "black frame" bi stampa quddiemu, zewg brochures ta' Aruba, 'envelope' indirizzat lil Peter Theuma kontenenti 'birthday card' u xi ritratti.

In rigward l-imsemmi "black frame" li kien imdawwar b''cling film' fuq in-naha ta' wara tieghu kien hemm "speci ta' toqba zghira" u wara li go fiha gie introdott 'paper clip',

hareg trab abjad li permezz ta' 'field test' irrizulta li kien kokajina. Ghalhekk l-istess 'black frame' gie ssigillat f'envelope iehor li gie ffirmat mill-persuni kollha presenti hlief mill-fotografu presenti u kien ittiehed mill-istess Magistrat sabiex jinghata lill-Dottor Anthony Abela Medici, l-espert forensiku. Hawnhekk sabiex jistghu jinqabdu l-persuna jew persuni li setghu kienu involuti, l-istess Dottor Anthony Abela Medici kien gie inkarigat sabiex jaghmel "black frame" iehor li fih kellha titpogga sustanza ta' tip iehor ghar-raguni specifikata fl-istess xhieda. In oltre kien gie avvicinat il-Postmaster General sabiex jinstab mezz sabiex l-'black frame' maghmul minn Dottor Anthony Abela Medici jkun jista jigi mqassam u ghal dan il-ghan kien gie konsenjat lill-istess Postmaster General li, da parti tieghu, kien inkariga lil Frank Gatt sabiex issir il-konsenja. Ghalhekk, wara li saru l-arrangamenti kollha sabiex jigi segwit it-tragitt tal-pakkett, il-pulizija zammew taht sorveljanza il-post f'Ghawdex fejn kellha ssir il-konsenja cioe hanut bl-isem ta' 'Cosy Tosy' u ghall-habta tal-11.15 am gie osservat, fit-triq fejn kien sitwat dan il-hanut, il-'postman' li kellu jaghmel il-konsenja tal-istess pakkett.

Meta din saret, billi l-istess pakkett thalla fuq il-bank, il-pulizija fosthom ix-xhud, kien ra lill-akkuzat jiehu l-istess pakkett u jidhol f'dar sitwata bieb ma' bieb mal-istess hanut. Wara li ghadda ftit ta' hin, il-pulizija dahlu f'din id-dar u f'kamra fis-sular ta' fuq, raw li kien hemm, fuq is-sodda, il-pakkett in kwistjoni "ghadu maghluq fl-istat originali tieghu" kif ukoll l-akkuzat li kien bil-qieghda fuq l-istess sodda u li kien jidher 'eccitat hafna' "bl-gharaq hiereg ghalih". Meta nfetah l-istess pakkett, oltre li l-akkuzat kien deher "aktar eccitat" l-akkuzat sahaq li ma kien jaf xejn dwar il-'frame' fl-istess pakkett. In oltre saret tfittxija fl-istess kamra u nstabu 'pouch' kontenenti kwantita ta' flus, dokumenti, cwievet u zewg 'sachets' kontenenti sustanza bajda oltre 'frame' identiku ghall-iehor, izda bi stampa differenti, waqt li kien 'hollow' minn gewwa "u kien juri li go fih, qabel kien hemm xi sustanza". Inoltre, kien instab ukoll il-packing ta' dan il-'frame' liema 'packing' jidher li kien indirzzzat f'isem il-mara tal-akkuzat, oltre pakkett iehor kontenenti ammont sostanzjali ta' trab

abjad u flus. In oltre gewwa bagalja, instab pakkett iehor ta’ aktarx kokajina, pakketti ohra zghar, u “bejn is-sodda” kien hemm mizien li fuqu kien jidher li kien hemm trab abjad, izda skond ma qal l-akkuzat kien jintuza sabiex jizen deheb. Dwar l-oggetti li nstabu, ix-xhud semma li kien jaf li kienu instabu zewgt’imwiezen zghar kif ukoll flus u dokumenti ohra. Hawnhekk kien gie nfurmat il-Magistrat tal-ghassa f’Ghawdex li ghamel access fuq il-post imsemmi.

Dwar dan, ix-xhud spjega li l-oggetti kollha imsemmija kienu diga tpoggew f’pakketti u meta wasal l-istess Magistrat fuq il-post, ‘rega tpogga kollox fil-post li kienu instabu’ u kollox kien gie kostatat kemm mill-istess Magistrat kemm mill-esperti nominati u l-istess oggetti li regghu gew ippakkjati, ittiehdu mill-espert forensiku Dottor Anthony Abela Medici. Pero x-xhud qal ukoll illi “dak inhar fil-ghaxija, lili ghaddieli (presumibbilment Dottor Anthony Abela Medici) borza li kien fiha xi dokumenti biex nezaminahom”. Fl-istess borza x-xhud spjega li kien hemm zewg envelopes li tpoggew lura fiha. Mill-istess xhieda jidher li l-istess borza u zewg envelopes gew esebiti in atti u mmarkati bhala Dokument B liema dokument pero ma jinstabx mehmuz mmedjatament wara din ix-xhieda. Fl-ahhar nett ix-xhud esebixxa zewg stqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat wara li gie debitament imwissi skond il-ligi li jinsabu annessi a fol 21 u fol 23 immarkati Dok S1 u Dok S2.

Dwar dawn l-istqarrijiet ix-xhud spjega li “ghall-ewwel (l-akkuzat) kien bezghan u ma bediex jirrispondi (Ara dok S1) imbaghad beda jikkopera” (Ara Dok S2).

In oltre jidher wkoll illi wara li l-akkuzat kien qal illi kien qed ‘ihossu mhux sewwa u ma jiflahx’ kien ingieb tabib (Dr Cali) li da parti tieghu kien irrrilaxxa certifkat mediku esebit mix-xhud bhala Dokument C liema certifikat pero ma jinsabx immedjatament wara din ix-xhieda. Fl-ahhar nett ix-xhud esebixxa d-dokumenti mmarkati D1 sa D4 li nstabu fost id-dokumenti u li l-referenza taghhom hemm fl-istatement dokument S2 (ara fol 29 tal-atti). L-istess xhud kien gie riprodott diversi drabi peress li saret talba

'ad hoc' f'rinviji tal-Avukat Generali . A fol 170 u fol 171 ibid issir referenza ghal "Susan Philips" u "il-boyfriend taghha Frank" imsemmijin fit-tieni stqarrija rilaxxata mill-akkuzat (Dok S2). Dwar dan jidher li l-investigazzjonijiet ma tantx kienu konklussivi (ara wkoll fol 174 ibid u l-fotokopji ta' tlett karti ta' imbarkazzjoni esebiti a fol 176 sa fol 178 kif ukoll fol 184 ibid).

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-premess, f'dan il-kaz inzammu zewg inkjesti, wahda f'Malta u l-ohra f'Ghawdex.

Illi a fol 32 et seq ibid jinsab il-process verbal dwar importazzjoni illegali ta' Cocaine f'Malta gejja minn Amsterdam u mill-atti jidher li gew nominati l-ispettur John Mifsud u Herbert Agius bhala ricevituri tal-pakkett suspettat u Dottor Anthony Abela Medici bhala espert forensiku kif ukoll PS 1199 Anthony Sammut bhala espert fotografu. Fl-istess atti jidher li l-Magistrat Inkwirenti kien attenda ghall-ftuh tal-istess pakkett registrat fuq "Mr Peter Theuma c/o Cozy Tozy Shoes 77, Palm street, Victoria Gozo, Malta Europe" mibghut minn 'Miss S Phillips, Aruba Beach Club, Aruba'. Fl-istess pakkett oltre l-oggetti elenkati fil-verbal a fol 39 ibid, hemm imsemmi li kien hemm 'black frame' tal-injam bl-istampa b'toqba fuq wara li minnha kif diga spjegat " .... hargu tracci ta' 'powder' abjad .... cocaine". L-istess pakkett kien imgezwer f'envelope iehor indirizzat mill-pulizija f'Amsterdam bit-timbru relattiv lill-ispettur John Mifsud oltre zewg timbri ohra li kienu jissigillawh.

Dwar l-istess 'frame' iswed, wara li tnehha mill-envelope originali dan tpogga f'iehor issigillat u iffirmat mill-istess Magistrat u persuni ohra presenti, b'kull stadju fotografat mill-imsemmi espert fotografu. Dan kollu kellu jinghata, kif il-fatt gara, lill-espert forensiku imsemmi mill-istess Magistrat li ordna ulterjorment li "isiru kwalunkwe investigazzjonijiet li jistghu iwasslu biex jinsab ir-ricevitur ta' dan il-pakkett" (ara fol 40 ibid) kif ukoll fol 38 ibid).

Illi a fol 62 et seq ibid jinsab it-tieni process verbal u dan dwar sejba ta’ trab abjad suspettat droga waqt tfittxija li saret f’residenza go Palm street Victoria Ghawdex b’mod specjali f’kamra tas-sodda sitwata fit-tielet sular liema kamra “ ....... “ kienet imsakkra bic-cwievet mizmuma minn Peter Theuma, il-propjetarju .... li fetah hu biex isir l-access”.

Fl-istess access, il-Magistrat Inkwirenti kien ra u kkostata mizien elettroniku tal-marka “Sartiorius” u f’’attache case’ kwantita ta’ karti tal-fidda bi trab abjad kif ukoll ‘hollowed out frame’ b’xena ta’ palma f’envelope intestat lil Doris Ellis oltre flus u trab iehor ta’ kulur abjad. Dwar l-istess access, jkun opportun li ssir referenza ghar-relazzjoni tas-‘scene of the crime officer’ PS 4 John Charles Ellul a fol 50 sa fol 58 tal-atti dwar id-dokumenti kollha kif hemm deskritti u li gew elevati minn dan l-espert u konsenjati waqt l-istess access lil Dottor Anthony Abela Medici bhala espert forensiku.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-atti jirrizulta illi gew prodotti x-xhieda kollha relevanti sabiex jigi deskritt it-tragitt tal-pakkett relevanti ghal dan il-kaz minn Aruba sar-residenza f’Ghawdex. Dawn kienu:
a) <u>Khalil F Lahoud</u> (fol 150 sa fol 157 ibid) seta, b’xi mod, jiftakar minghajr ma seta jippreciza d-data u l-konsenjatarju li kien inghata pakkett mill-pulizija f’Amsterdam sabiex jigi konsenjat lill-pulizija f’Malta. Din ix-xhieda trid tkun abbinata ma’ dik moghtija mill-ispettur John Mifsud a fol 158 tal-atti li specifika li dan il-pilota kien il-persuna li kien ikkonsenjalu il-pakkett in ezami u b’referenza ghal dak esebit in atti a fol 30 u mmarkat Dokument A, kif ukoll ma’ dik ta’ <u>Joseph Farrugia</u> li, fil-kariga tieghu kif deskritta fl-istess xhieda mal-kumpannija tal-ajru Airmalta, esebixxa dokumenti mmarkati minn <u>Dok AM 1 sa AM 5</u> li pero ma jinstabux annessi immedjatament wara din ix-xhieda.
b) <u>Herbert Agius</u> (fol 59 et seq ibid) xehed li gie nominat bhala ricevitur tal-pakkett in kwistjoni mill-Magistrat tal-Ghassa, liema pakkettt wasal fuq titjira numru KM 211

minn Amsterdam u l-pilota kkonsenjah lill-ispettur John Mifsud. Flimkien mal-istess spettur, il-pakkett fl-envelope esebit a fol 30 tal-atti, kien ittiehed fil-kwartieri Generali tal-Pulizija fejn infetah fil-presenza tal-Magistrat tal-Ghassa. Susseg-wentement ix-xhud kien akkumpanja lis-supretendent Joseph M Azzopardi ghand il-Postmaster General sabiex jsiru l-arrangamenti biex jigi 'delivered' dan il-pakkett.
c) <u>Alfred Costa</u> (fol 58 sa 60 ibid) il-Postmaster General, fix-xhieda tieghu spjega li l-istess pakkett kif deskritt minnu fl-istess xhieda, kien inghata lil Francis Sant 'biex imexxih mal-ittri registrati ghal Ghawdex'. Ix-xhud esebixxa wkoll id-dokumenti bejn fol 60 u fol 61 immarkat Dok R u konferma tal-konsenja tal-istess pakkett registrat.
d) <u>Francis ossija Frank Sant</u> (fol 63 et seq ibid) ikkonferma li l-istess pakkett "Jiena irregistratju biex imur Ghawdex" liema pakkett ".. telaq Ghawdex l-ghada is-Sibt fis-sebgha ta' fil-ghodu. (Ara wkoll ix-xhieda ta' PC 1273 Charles Mifsud a fol 73 ibid u ta' WPC 46 Nicolette Baldacchino a fol 79 u 132 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi f'dan l-istadju ser jigu kunsiderati l-esperti kollha nominati u/jew konfermati waqt il-proceduri kollha. Dawn kienu:
a) <u>Dottor Anthony Abela Medici.</u> L-espert forensiku u li gie prodott diversi drabi. A fol 52 et seq ibid hu deher sabiex jippresenta d-dokument mmarkat "P" bil-Kodici tal-Laboratorju forensiku 89 AFL 22 ossija 'envelope kannella indirizzat lil Mr Peter Theuma c/o Cosy Tozy Shoes 77, Palm street, Victoria Gozo, Malta Europe, mibghut minn Aruba kif ulterjorment deskritt fl-istess xhieda. In oltre hu spjega z-zewg inkarigi moghtija lilu mill-Magistrat Inkwirenti konsisstenti fl-ghemil ta' gwarnic ('frame') u sostituzzjoni ta' dak originali kif hawn fuq spjegat kif ukoll il-kontenut originali gie sostitwit b''icing sugar' (ara dok AAM 2) u fl-analizi dettaljat tal-'frame' originali u l-kontenut tieghu. Hawnhekk jidher a fol 53 illi l-istess espert kien ippresenta r-relazzjoni tieghu li giet annessa mal-atti u mmarkata Dok <u>AAM 1</u> ( ara pero infra). Skond l-istess espert il-'frame' originali aventi piz globali ta' 612 grammi

kien ghadu issigillat u intatt izda mill-kontenut tieghu kien analizza tracci zghar u ra li dawn kienu kokajina ta' purezza ta' 94%. L-istess espert kompla biex jghid illi dak il-gwarnic maghmul minnu in sostituzzjoni kien gie mghoddi minnu lill-ispettur John Mifsud u waqt l-access li kien inzamm fir-residenza tal-akkuzat f'Ghawdex, hu kien ra l-istess 'frame' kontenenti 'icing sugar'. Dwar dan l-ahhar access u l-oggetti ossija dokumenti kollha elevati, meta dawn kienu qed jinzammu, hu ppresenta relazzjoni ulterjuri mmarkata Dok AAM 3. Ix-xhud dwar dan semma li fost l-istess dokumenti kien hemm 'kwantitajiet ta' cocaine', (ara fol 56 ibid) ammontanti ghal 287.857 grammi bhala piz u aventi grad ta' purezza li jmur minn 50% sa 94%. Hu kompla biex jghid illi waqt l-istess access "... instabet prova li kien hemm mill-inqas zewg deliveries ta' cocaine bil-posta u precedentement gejjin minn Aruba .... " In oltre kompla biex jindika illi "iz-zerriegha misjuba kienet tal-'cannabis sativa' izda ma nstabitx fi stat germinali" 'waqt li disa' films elevati kienu juru xeni pornografici.

A fol 81 et seq ibid l-istess espert jidher li ppresenta r-rizultanzi tieghu finali in rigward l-analizijiet li saru minnu vis-a-vis il-frame originali bil-kontenut kif kien twassal hawn Malta. Ghalhekk hu jidher li ppresenta d-dokument mmarkat Dok AAMX (ara pero infra). Mill-istess xhieda jidher li s-sustanza in ezami u li kienet fl-istess frame kienet kokajina aventi piz ta' 250 grammi.

A fol 175 ibid, l-istess espert kien xehed dwar l-inkarigu moghti lilu (fol 92 tal-atti) sabiex jiddistruggi d-droga kollha involuta f'dan il-kaz (Ara dok AMC a fol 179 u 180 ibid). A fol 193 u fol 194 dan l-espert gie riprodott u wara li rega semma li l-kokajina involuta f'dan il-kaz kienet giet diga distrutta, kompla biex jghid illi kif rizultanti mix-xhieda moghtija diga minnu u r-relazzjonijiet gia sottomessi minnu, kienu gew elevati u konservati kampjuni tal-istess droga, liema kampjuni kienu qed jinzammu kif specifikat a fol 194 ibid. Hawnhekk, kif jidher a fol 196 u 197 u a fol 206 tal-atti, ghar-raguni hemm specifikata, l-Avukat Generali kien talab in-nomina ta' "espert iehor li ma hux Dottor Anthony Abela Medici" biex jezamina il-kampjuni

imsemmija a fol 194 tal-atti u dan anke bl-assistenza tal-istess espert ghall-identifikazzjoni ta' dawn il-kampjuni. In oltre l-Qorti giet mitluba sabiex tordna u tizgura li l-kampjuni ".. li ghadhom ghand il-Magistrat" li ssorvelja d-distruzzjoni tad-droga, jiddahlu f'din il-kumpilazzjoni. In rigward l-ewwel talba kien gie nominat espert li sussegwentement kien gie sostitwit minn Dottor Michael Sammut (fol 206), liema espert kif jidher a fol 208b irtira id-dokumenti hemm elenkati fl-17 ta' Jannar. F'dokument bid-data tal-25 ta' Jannar 1992, a fol 209 u fol 210 tal-atti jidher li tinsab ir-relazzjoni sottomessa mill-istess espert u testwalment jinghad illi ".... it-trab gewwa d-dokumenti kollha kien fih id-droga kokajina (cocaine) waqt li "it-trab fid-dokumenti 09A, 09B 01D 01B kien fihom wkoll il-medicinali Paracetamol. Dwar ix-xhieda ta' Dottor Michael Sammut din tinsab a fol 215 u dan xehed "... li t-trab li kien hemm f'dawn il-kontenituri kien fih id-droga kokajina u set minnhom kien ukoll imhallat bil-P(h)aracetamol"

In rigward it-tieni kwezit, kif hawn fuq premess, ma jidhirx li dan gie esegwit. Pero a fol 228 tinsab nota ohra ta' rinviju tal-Avukat Generali li fiha diversi kweziti u ghal dan il-ghan instemghu is-segwenti xhieda:
a).L-istess PC 4 John Charles Ellul (ara supra) rega, meta riprodott, a fol 238 u fol 257 ghamel referenza ghar-relazzjoni tieghu gia in atti specifikatament a fol 58 ibid u dan ikkonferma li l-oggetti u dokumenti kollha elevati waqt l-access fir-residenza tal-akkuzat f'Ghawdex, kienu gew konsenjati lil Dottor Anthony Abela Medici. Wara li semma li 'dwar id-dokument fol 18 (?).....jiena ma dhalt xejn fih" hu kompla jghid li ma ftakarx li kien presenti waqt id-distruzzjoni tad-droga u li ma kienx involut f'analizijiet esegwiti minn Dottor Michael Sammut (ara wkoll ix-xhieda ta' PC 499 Emanuel Buhagiar a fol 246 ibid).

b) L-istess Dottor Anthony Abela Medici (fol 240) spjega li l-oggetti kollha elevati waqt l-access f'Ghawdex jinsabu kollha elenkati u mmarkati AFL bin-numru warajhom fir-relazzjoni tieghu li ggib id-data tal-15 ta' Frar 1989. In otre hu kien issottometta relazzjoni ohra dwar 'frame' mibghut minn Aruba lill-akkuzat u li nghata n-numru ta'

kodici 89AGH01 Meta dan l-ahhar dokument li ssemma kien gie rtirat minnu sabiex jezamina l-kontenut tieghu u "dan iggenera hames dokumenti ohra". Sussegwentement kien gie nominat, b'zewg digrieti separati, sabiex jiddistruggi l''bulk' tad-dokumenti 89AFL 01A, B, C u AFL5 u 7 kif ukoll dak mmarkat 89AGH 05. Dan kien sar fil-presenza ta' Magistrat, tal-fotografu PS 167 John Cassar u ta' PC 499 Emanuel Buhagiar. Dwar l-analizijiet esegwiti minn Dottor Michael Sammut ix-xhud specifika li "ma nistax nghid mill-liema kampjunarji Dr Sammut eleva biex ghamel it-testijiet tieghu..... Dr Sammut qalli li huwa kien uza l-kampjunarji li kien hemm esebiti u li jiena kont hallejt bhala kampjunarji ghal Qorti" u dan bl-istess kodici uzat minn dan ix-xhud (ara wkoll ix-xhieda tal-imsemmi PS 167 John Cassar a fol 243 u fol 255 ibid).

c. Victor Mifsud (fol 245 et seq ibid) li kien l-iskrivan tal-Qorti Struttorja fiz-zmien in ezami, specifika illi fid-data tal-17 ta' Frar 1989 fil-ktieb tal-esebiti ossia 'libro oggetti' hu kien nizzel bhala esebit "envelope kontenenti LM1935" liema envelope pero kien baqa ssigillat kif esebit, minghajr ma infetah. In oltre, in rigward 'xi video casettes' ... gewwa borza sewda, .... fis-sigrieta tal-Magistrat hu qal li dawn kienu dejjem imsakkrin u ssigillati fl-istess sigrieta. Izda l-istess borza "... mhux imnizzla fil-libro oggetti". Dwar mizien elettroniku muri lilu hu qal "jiena qatt ma kont rajtu qabel " u ma kienx imnizzel fl-istess ktieb".

d. Dottor Michael Sammut ( fol 247 u 248) spjega li kien irtira sittax il-flixkun zghir kontenenti ammont zghir ta' trab abjad.

e. Dottor Anthony Abela Medici flimkien ma' PC 4 John Charles Ellul u Frank Mercieca, l-iskrivan tal-Qorti fiz-zmien in ezami, meta xehed ( fol 254 flimkien ma' fol 257 u fol 258 tal-atti) issottometta lista tad-dokumenti kollha presentati minnu in rigward iz-zewg kazijiet involuti. Sussegwentement hu, kif assistit, kien ra liema dokumenti ".... .. kien hemm presenti .... b'xi ftit li ma instabux". In rigward l-istess lista id-dokumenti li instabu huma mmarkati bl-ahmar waqt li dak li ma nstabux gew immarkati bl-kulur 'blue'" Minn din il-lista il-Qorti l-ewwel nett rat kif inhuma mmarkati il-kampjuni mehudin mid-droga in ezami cioe 89 AGH06 b'ammont ta' gramma 89

AFL01d, 01e, 05a, 05b, 05c, 05d, 05e, 05f, 09a, 09b, 01a, 01b, 01c, 05 u 07 bl-ahhar hamsa f'ammont ta' 0.5 gramma kull wiehed, 89 AFL 01A, 01B, 01C, 01D u 01E (ara fol 260 u fol 261) dwar dawn il-kampjuni, dawn jinsabu mmarkat bl-ahmar. Mill-istess lista jidher li certi dokumenti ma kienux instabu (ara fol 261) re dokumenti 89AFL 02a, fol 262 re dokument 89AFL04 ossija pakkett impustat minn Aruba ..... u registrat minn Aruba..... mibghut minn Susan Phillips ..... lil Doris Ellis .....” kif ukoll ohrajn kollha kemm huma deskritti a fol 261, fol 262, fol 263 u fol 264 tal-atti.

f. PS 1199 Anthony Sammut bhala espert fotografu nominat kif rizultanti mill-process verbal dwar “importazzjoni llegali ta' Cocaine ....” a fol 40 jidher li kien esebixxa tnax-il ritratt mehudin waqt din l-inkjesta. Pero dawn ir-ritratti ma instabux.

Ikkunsidrat

Illi da parti tal-akkuzat, skrivan impjegat mal-Water Works, li xehed kif jidher a fol 280 et seq ibid tal-atti, jkun opportun illi l-ewwel nett issir referenza ghall-istqarrijiet rilaxxati minnu (fol 21 u fol 23 et seq ibid). Kif jidher mill-ewwel wahda, l-akkuzat esercita d-dritt tieghu li ma jwiegibx ghad-domandi li sarulu hlief li jghid illi “qatt ma hadt” droga. Pero kif jidher mit-tieni wahda hu jidher li rrilaxxa wahda b'mod dettaljat. Hawnhekk hu stqarr illi kien minnu li hu kien jaf li kien ser jircievi l-pakkett in kwistjoni, kif effettivament gara u dan peress li kien gie informat dwar dan minn certa Susan Phillips. In oltre l-istess mara kienet diga baghtet pakkett iehor bhalu izda indirizzat lill-mara tal-akkuzat li kienet hi stess li gabritu mill-posta. Dan il-pakkett tal-ahhar kien dak misjub fuq il-gwardarobba, waqt it-tfittxija li kienet saret f'Ghawdex. In rigward il-kontenut ta' dan il-pakkett, l-akkuzat stqarr li “kont naf x'kien fih u kemm kien fih wara li ftahtu”. Di fatti hu kien sar jaf li kienet kokajina wara li “staqsejt lil xi hadd li ma nixtieqx nghid min hu”. Dwar dan l-akkuzat aktar l-isfel fl-istess stqarrija qal li fil-fatt kien jaf x'kien il-kontenut izda ma kienx jaf il-kwantita. Hawnhekk l-akkuzat semma pakkett iehor li pero kien gie migjub mill-istess mara imsemmija meta din kienet zaret Malta, matul is-sajf ta'

qabel. Dwar il-pakkett li twassallu permezz tal-posta, l-istess mara kienet taccerta ruhha li kien wasallu permezz ta' telefonata maghmula minn barra minn Malta. Dwar l-istess droga li minnha l-istess mara kienet tabbuza, l-akkuzat stqarr li kien izommha fir-residenza tieghu "anke l-frame imkisser". Dwar hlas, l-akkuzat sostna li ma kien hallas xejn "anzi ghandi niehu rigal meta tigi tiehu dan l-'istuff' biex tmur bih barra" Dwar l-imwiezen, li nstabu, kif ukoll is-'sachets', dawk iz-zghar kienu ta' Susan Phillips waqt li dak elettroniku kien gie akkwistat minnu "u kont nizen il-cocaine fuqu". In rigward is-'sachets' dawn kienu saru mill-akkuzat "sabiex nghaddihom lil bniedem biex jghidli l-kwalita ... u kemm hi qawwija". Dwar din il-persuna, li ma xtaqx jizvela l-identita taghha, hu kien ipprova 'jiddilja' fuq l-istess kampjun izda dan ma irnexxiex ghax ma ghogbitux". Hu kompla jistqarr dwar it-tieni pakkett illi, meta dan kien ingabar minnu, hu kien dahal fil-kamra tas-sodda fejn instab, waqt l-imsemmija tfittxija u tpogga minnu fuq il-mizien elettroniku. In rigward kampjun ta' kokajina li kienu diga f'pakketti maghmulin minn 'tin foil' dawn kienu ta' gramma il-wiehed u kienu saru minnu waqt li kien jidher li gia pprepara boroz ohra tal-'plastic' sabiex go fihom jitpogga 'ounce' tal-istess sustanza. In rigward dan, l-istess kampjun hu kien, kif diga intqal, ipprova ".... inbiegh lil ftit klijenti .... imma ma intoghgobx". Dwar dokumenti li nstabu fl-istess kamra, minn fejn kien jidher li l-akkuzat kien baghat flus lil Susan Phillips, l-akkuzat kien wiegeb li ma xtaqx iwiegeb qabel ma jiehu parir legali. In oltre dwar kontijiet bankarji, hu semma li kellu wiehed biss mal-bank lokali msemmi minnu. Pero in rigward cheque book' ' fuq ditta bl-isem "Western Trust and Savings Limited huwa xtaq li "ma nghid xejn".

Dwar flus li kienu nstabu fl-istess kamra tas-sodda, l-akkuzat sostna li dawn kienu provenjenti mill-hanut taz-zraben gia imsemmi. Fl-ahhar nett in rigward pellikoli elevati, hu stqarr li dawn ma kienux kollha pornografici u kienu gew mikrija minnu lokalment. Waqt li z-zerriegha li giet misjuba f'kexxun, din kienet inghatat lilu mill-istess mara msemmija qaltlu li "din taghmel fjuri sbieh bhas-'sunflower'.....". Kif jidher a fol 280 et seq ibid, l-akkuzat

kien xehed “viva voce” minn jeddu u jidher li ghamel enfasi fuq certu “Frank” li fl-istqarrija tieghu gie indikat bhala l-‘boyfriend’ ta’ Susan Phillips. Pero, fix-xhieda tieghu, l-akkuzat indika li dan kien huh Frank Theuma, deskritt minnu bhala bniedem li jdur mad-dinja u jigi lura f’Ghawdex “xi kull tant” ghal perjodu differenti fit-tul. L-istess huh pero, kien jirresiedi fil-Kanada u gie deskritt mill-akkuzat bhala wiehed eccentriku u “... dejjem b’xi inkwiet gdid”, oltre li jhobb jibghat “rigali’. F’okkazjoni wahda, l-istess huh kien baghat lill-ommu ‘frame’ zghir u hi, da parti taghha kienet tatu lil bintha, oht l-akkuzat, Pauline mizzewga Grech. Meta huh kien gie Malta u ra l-istess ‘frame’ ghand ohtu hu kien talabulha u irnexxielu jiehdu lura. Sussegwentement, l-istess Frank Theuma kien informa lill-ohtu li fil-‘frame’ kien hemm droga. Sussegwentement, wara madwar sitt xhur, l-istess huh kien baghat ‘frame’ iehor, din id-darba indirizzat lil omm martu, Doris Ellis, liema ‘frame’ kien ingabar mill-posta, ‘jidhirlu’ minn martu bl-istess isem ta’ Doris. Meta l-akkuzat kien ra dan il-pakkett u minhabba dak li kien semma li gara precedentement, hu beda jissuspetta dwar x’seta kien il-kontenut. Ghalhekk hu kien fetah il-pakkett u sab ‘frame ohxon mhux hazin’ u difatti meta kissru kien sab ‘trab abjad qiesu zokkor’. Dwar l-istess pakkett, hu qal li bhala ‘sender’ kien hemm indikat ‘Susan Phillips’ persuna li fil-fehma tieghu kienet ‘fittizja’ ‘...u li jiena ma kont naf lil hadd bl-isem ta’ Susan Phillips’. In oltre hu kien gharaf il-kaligrafija “bhal dik ta’ hija Franky”. Wara li semma li din kienet l-ewwel darba li kien ra droga hu kompla jghid li ghamel tentattiv sabiex jaghmel kuntatt telefonikament, mal-istess huh fil-Kanada, izda minghajr success.

In oltre meta ghamel kuntatt ma huh l-iehor Walter, li jirresjedi wkoll fil-Kanada, dan kien informah illi Frank kien jinsab f’post jismu Aruba. Inoltre hu kien ha kampjun tal-istess trab “ghand habib tieghu” li da parti tieghu, wara li ghamel xi verifiki, kien informa lill-akkuzat li l-istess trab kien kokajina. Meta sar jaf b’dan il-fatt, hu kien inhasad. In oltre dan il-kampjun kien inghata lura lilu u dan gie mizmum minnu f’’pouch’ tal-gilda waqt li l-kumplament tat-trab thalla minnu fir-residenza tieghu u dan in vista li fi

kliem l-istess akkuzat “ma kienx qed ihossni hati” u “ ma kont involut f’xejn”. In oltre, hu irnexxielu jikkuntattja lil huh meta dan kien fuq il-gzira ta’ Aruba u hawnhekk l-istess huh kien informah li “... diga kellu pakkett iehor li telaq”. Fl-istess telefonata, kif deskritta mill-akkuzat, ma jidhirx li kienet xi wahda amikevoli, huh informah “li diga kellu pakkett iehor li telaq” u ghalhekk l-akkuzat qallu li kien “ser narmi kollox”. Izda huh wiegbu li kien ser jigi f’Malta u ‘irrid l-affarijiet lura” kif ukoll illi hu, Frank Theuma “... kellu habib tieghu li diga kien heddu li joqtlu”. In oltre, in vista li fl-istess telefonata huh kien qal li “... kellu xi affarijiet ohra ghand il-mama ....” l-akkuzat kien sussegwentement mar ghand ommu b’’attache case’ u minn hemm kien gabar, fost affarijiet ohra, “.... tin foils, sachets, mizien cioe mizien kbir u iehor zghir, cioe tnejn zghar, oggetti bhal catalogues”, u poggihom fl-istess ‘attache case’ u hadhom fir-residenza tieghu u gew impoggija minnu fuq gwardarobba.

In rigward it-‘trab’, hu fuq struzzjonijiet moghtija lilu minn huh u li segwa, “bhal hmar” kien poggih f’boroz tal-‘plastic’. Sussegwentement, b’certa okkupazzjoni hu kien dahal fil-hanut tieghu imsemmi u s-‘salesgirl’ kienet informatu illi “hemm pakkett ghalik”. Meta rah, hu gharaf li fuqu kien hemm il-kaligrafija tal-istess huh. In oltre, kien ha l-istess pakkett fid-dar tieghu fejn wiznu minghajr ma fethu u minghajr na hbieh. Hu spjega illi kien wiznu sabiex jara jekk kellux piz ta’ inqas minn kilogramma peress li f’kaz ta’ pakkett li jissupera dan il-piz hu kien jircievi avviz sabiex jingabar mill-posta. Dwar dan, hu ssottolineja illi kieku kien ircieva tali avviz ma kienx imur fil-Posta sabiex jigbru.

Meta rrefera ghall-istqarrijiet rilaxxati minnu hu qal li ghall bidu kien riluttanti li jaghmel dan. Pero hu gie perswaz li jaghmel dan mill-pulizija sabiex seta juri li kkopera maghha. In oltre, hu qal li “ ma ridtx nikxef lil hija” u “... pero imbaghad hemm limitu ghal kollox”. Ghalhekk hu ddeskriva t-tieni stqarrija tieghu bhala “.... f’parti veritajiet u parti f’gideb u f’parti nofs veritajiet”. Difatti fix-xhieda hu sostna li kull darba li rrifera ghal Susan Phillips, kien fil-fatt qed jirreferi ghal huh Frank Theuma. Di fatti fix-xhieda

tieghu, l-akkuzat, irrefera ghal l-istess huh bhala “a sick man” u li dan kien dejjem jghidlu li kien gej Malta sabiex jixhed “izda qatt ma gie” sabiex jaghmel dan. Dwar dan il-punt hu sahaq li “... illum wasal iz-zmien sabiex ma inkompliex nerfa l-piz ta’ hija ... ghalhekk issa qieghed nghid dak kollu in rigward hija Franky”. Dwar dan l-akkuzat irrefera ghal telefonata bejnu u l-istess huh meta dan kien informah illi f’Malta kien ser ikun presenti il-Konslu Malti fil-Kanada “... u dan jista jkun ta’ ghajnuna ghalija, jekk ma jigix hu (cioe l-istess huh) Malta”.

Fl-ahhar nett, l-akkuzat semma illi l-perjodu ta’ zmien li ghadda bejn meta rcieva l-ewwel u t-tieni ‘frame’ kien madwar hmistax il-jum u “dik is-sustanza bajda li rcevejt bl-ewwel ‘frame’ baqghet l-istess bhala kwantita”. In oltre hu kompla jghid u jinsisti lil “:... jiena ma importajtx id-droga in kwistjoni. Lanqas ma ridt l-istess droga.” Hawnhekk ghandu jissemma illi l-kontro ezami tal-akkuzat kien gie sospiz minhabba dak li hu verbalizzat a fol 277 u fol 278 tal-atti dwar ritratti u “esebiti ohra li aktarx huma neqsin”.

Illi f’dan l-istadju din il-Qorti ammettiet bhala xhud, l-imsemmi Konslu Malti fil-Kanada a bazi tal-artikolu 599 tal-Kodici Kriminali (ara fol 278, fol 301, 314 u d-digriet a fol 342 tal-atti). Fill fatt xehed Michaelangelo sive Milo Vassallo (fol 294 et seq ibid) u li kien il-Konslu Generali tal-Malta f’Toronto fil-Kanada. Dan irrakonta illi madwar gimghatejn qabel ma xehed, fl-10 ta’ Mejju 1993, “kien gie Malti minn Ghawdex sabiex japplika ghac-cittadinanza doppja”. L-istess ragel gie deskritt minnu bhala qasir, irqiq hafna u tal-eta ta’ madwar hamsa u tletin jew erbghin sena u kien qal lix-xhud, li ddeskrevih bhal ‘persuna imhawwda” illi kien interessat fil-Yoga u fl-ambjent.

Difatti hu qal lix-xhud li kien ghamel “bicca ta’ gennata” fis-sens li kien jabbuza minn droga u ghal dan il-ghan kien mar f’Aruba fejn id-droga kienet irhisa. Minn hawn hu kien akkwista droga u kien impustaha lejn Malta lil huh, deskritt minnu bhala bniedem ezemplari u dan in vista li kellu l-intenzjoni li jmur f’Malta u b’hekk ikollu disponibbli kwantita ta’ droga ghal perjodu ta’ sena. L-istess ragel

kompla biex jghid lix-xhud illi ".. l-pulizija kienu qabdu lil huh u sabulu anke mizien" waqt li dan sahaq illi l-istess mizien "..... kif ukoll l-oggetti l-ohra kienu fil-fatt tieghu u mhux ta' huh". Dwar l-isem ta' din il-persuna, ix-xhud kien informat li kien jisimha Frank Theuma u dan jghidu anke permezz tal-passaport malti taghha. Ix-xhud kompla jghid illi ma setax jiftakar jekk dan ir-ragel kienx qallu li kien baghat aktar minn pakkett wiehed lil huh, izda semma li "ghandi l-impressjoni li qalli ukoll li kien baghat ukoll lil ohtu". Fl-ahhar tax-xhieda tieghu, ix-xhud qal illi Frank Theuma kien uza il-kliem "sallabt lil hija".

Illi l-akkuzat ipproduca bhala xhud in sostenn ta' dak li hu kien xehed lil Charles Grech (fol 304 et seq ibid) li hu mizzewweg lil ohtu, Pauline. Dan ix-xhud beda billi jaghti deskrizzjoni ta' Peter Paul u Francis ossija Franky Theuma. In rigward l-akkuzat hu rrifera ghalih bhala "ragel tal-familja u ezemplari" u bhala wiehed li jara kif jaghmel xi xoghol iehor ghall-familja waqt li Frank Theuma gie deskritt minnu bhala nervuz, inaffidabli u bhala li "...kellu diversi 'jobs' izda wara ftit jixba mir-rabta u jitlaq". Imbaghad ix-xhud irrakonta incident li kien gara bejnu u l-istess Frank Theuma dwar 'frame' li dan kien baghat lill-ommu, ossija omm il-mara tax-xhud. Din kienet tat l-istess 'frame' lix-xhud u martu u dan l-oggett kien iddendel mal-hajt fir-residenza tax-xhud. Fil-perjodu tal-Milied, l-istess hu l-mara tieghu kien gie Malta u meta mar fid-dar tax-xhud u ra l-istess 'frame' hemm imdendel hu kien qal lix-xhud li dak kien jappartjeni lilu u b'hekk hadu. Sussegwentement wara li Frank Theuma kien telaq minn Malta, dan kien informa lix-xhud, permezz ta' telefonata illi l-'frame' kien jikkontjeni droga u x-xhud kien irrabja mieghu minhabba l-impieg u attivitajiet ohra li kien jisvolgi. In oltre, kien tkellem dwar l-akkadut mal-familjari ta' martu, fosthom mal-akkuzat.

Fl-ahhar tal-esami tieghu, ix-xhud xehed illi meta l-akkuzat kien gie arrestat kif hawn fuq spjegat ":..... Jiena irrejalizzajt illi stajt kont jien fl-istess sitwazzjoni tal-imputat".

Illi xhud iehor prodott ‘in difesa’ hu Angelo Bartolo (fol 316 et seq ibid) habib tal-istess akkuzat u tal-familja ta’ dan b’mod specjali ta’ Frank Theuma. Principalment dan ix-xhud ghamel deskrizzjoni tal-karattru u personalita tal-istess Frank Theuma u d-differenza li hemm bejn dan u huh Peter, l-akkuzat. Fl-istess xhieda hu semma li f’Ghawdex kien jara lil Frank Theuma jabbuza minn droga u meta kien staqsih minn fejn kien jakkwistaha dan kien wiegbu “ .... li kien jibghata mis-South America,.... minn x’imkien”. In oltre f’okkazjoni ohra Frank Theuma kien semmielu li “... kien baghat xi haga go ‘frame’ izda meta kien gie f’Ghawdex ... ma kienx sabha”. Wara li ghadda xi zmien, Frank Theuma kien informah illi “... din ix-xi haga go dan il-‘frame’ .... kien sabha ghand ohtu imdendla ma hajt” u kienet ittiehdet minnu. Sussegwentement, ix-xhud, wara l-arrest tal-akkuzat, in konessjoni ma’ dan il-kaz, kien ircieva telefonata mill-Kanada minghand l-istess Frank Theuma u dan kien qallu li “id-droga in kwistjoni ... kien baghtaha hu stess u dan ‘fi kliemu stess’ sabiex jissapportja ‘his addiction’ u minhabba l-instabbilita tieghu finanzjarja”. Dwar dan Frank Theuma kien kiteb ittra lix-xhud, liema ittra pero ma gietx esebita ghax “ma zammejthiex”u li fiha kien qal “ .... li kien gej Malta” presumibbilment sabiex ‘jassumi ir-responsabbilita tieghu” u dan kif diga kien qallu fl-istess telefonata.

Illi l-ahhar xhud in difesa prodott kien Peter Vella (fol 329 et seq ibid) habib tal-familja Theuma inkuz l-akkuzat u hu dan Francis ossija Frank deskritt minnu bhala bniedem “ ... li ma tafx fejn qieghed mieghu”, minghajr xoghol fiss waqt li aktarx kien minghajr “hajtu stabbli". In oltre, hu kien jara lill-istess Frank Theuma “jisniffja xi trab” kemm il-darba. In rigward l-akkuzat, hu ddeskrivih bhala l-oppost ta’ huh Frank cioe bhala bniedem b’xoghol stabbli mal-Gvern ta’ Malta u “tal-familja”.

Ghalhekk fil-fehema tieghu hu ma setax jemmen lill-istess akkuzat “ .... kien inqabad bil-‘coke’”. Di fatti xi tlett ijiem wara li kien sema b’din in-notizja, kien ircieva telefonata mill-Kanada minghand Frank Theuma fejn dan qallu li kien sema b’dak li gara lill-akkuzat u kien inkwetat hafna waqt li qal lix-xhud li “ ... kien baghat il-‘coke’ lil Peter” Dwar

dan l-istess Frank Theuma kien qallu li kien intenzjonat li jigi Malta “sabiex jassumi r-responsabbilita hu”. In oltre matul iz-zmien sussegwenti, ix-xhud kien ircieva diversi telefonati u ittra minghand hu l-akkuzat u fil-fatt kien gab wahda minn dawn li, pero, kienet ‘mhux kompluta’. Hawnhekk ix-xhud esebixxa din l-ittra li tinsab a fol 336 tal-atti u mmarkata Dok PV. In rigward din l-ittra, x-xhud ma sabx il-pagni neqsin u specifika li kien ircieva matul il-1993. In oltre x-xhud iddikjara illi “dik ix-xi haga imhassra taht l-indirizz fuq l-ewwel faccata jiena nghid li dan ma giex imhassar minni”. In rigward din l-ittra hu qal illi din inkitbet minn “Frank” u kienet waslet ghandu ‘bit-toqob fuq in-naha tal-‘left’ li hemm’ minghajr ma seta jispjega dwar l-istess toqob. In oltre ma kienx jaf fejn kien l-envelope u l-bolli tal-istess ittra.

Fl-ahhar nett hu ma setax jispjega “... il-ghaliex fl-indirizz ta’ din l-ittra jidher li hemm xi haga imhassra u imbaghad l-indirizz li jidher miktub b’ittri aktar hoxnin”.

Illi in rigward l-istess Dok PV kien gie nominat bhala espert kaligrafu Dottor Anthony Abela Medici (ara fol 347 tal-atti) kif ukoll fol 349 ibid), liema espert espleta l-inkarigu moghti lilu kif jidher a fol 367 sa 371 tal-atti u fol 380 sa fol 382 ibid, miz-zewg relazzjonijiet sottomessi mill-istess espert kif mmarkati u li qedin a fol 371 u fol 382 tal-atti.
Mill-ewwel relazzjoni l-espert nominat seta jara illi l-kitba taht l-address evidenti kienet “... indirizz f’Ontario fil-Kanada”. In oltre, mit-tieni relazzjoni jidher li l-kitba fuq l-ittra mmarkata Dok VV u fuq l-envelopes kbar mibghutin minn Aruba u kontenenti l-kokajina gie maghmula mill-istess awtur ad eskluzjoni ta’ Peter Vella.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi hawn fuq gew sintetizzati l-provi in konnessjoni mal-akkuzi taht Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. In oltre dwar l-akkuza taht l-Artikolu tal-1972 dwar il-Kontroll tal-kambju (Att numru XLIX tal-1972) illum sufficjenti li ssir referenza ghax-xhieda ta’ Ivan Camilleri (ara fol 97 u fol 103 et seq ibid) li ssottometta r-relazzjoni tieghu dwar l-assi tal-

akkuzat fejn hemm elenkati diversi kontijiet bankarji esteri (ara fol 111 ibid). Din ix-xhieda trid tigi abbinata ma' dik a fol 254 tal-atti moghtija mid-'deputy principal' fid-Dipartiment tal-Kontroll tal-Kambju tal-Bank Centrali ta' Malta u Joseph Agius li qal illi " ... ma jidher li ghandna l-ebda record ...." rigward l-akkuzat.

Ikkunsidrat

Illi meta l-akkuzat kien ghaddej dawn il-proceduri, jidher illi l-imsemmi Frank Theuma kien f'Malta u ttiehdu proceduri kontra tieghu, liema fatt jidher mir-rikors li huwa in atti a fol 357 u fol 362. Pero l-istess Frank Theuma ma giex prodott quddiem din il-Qorti kif preseduta sabiex jixhed f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat

Illi kontra l-akkuzat ingiebu akkuzi kontra tieghu taht il-Kapitolu 101 citat, u dan skond l-artikoli 22 (1) (ii) (f), 14 (5) tal-Kapitolu citat, ir-regolament 100 tal-Avviz Legali numru 292 tal-1939, ir-regolament 4 tal-istess Avviz Legali li ghadu kemm gie citat, l-artikolu 8 (d) tal-istess kapitolu, b'dan kollu bhala komplici fil-kommissjoni ta' dawn ir-reati u dan skond l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali kif ukoll bhala reat kontinwat skond l-artikolu 18 tal-istess Kodici. In rigward l-istess akkuzi din il-Qorti kienet giet mitluba li tapplika l-artikolu 22A (1) (a) (b) tal-istess Kapitolu. Ulterjorment ingiebet akkuza fil-konfront tal-akkuzat in konnessjoni mal-ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Att tal-1972 dwar il-Kontroll fuq il-Kambju (Att numru XLIX tal-1972 illum Kapitolu ... tal-Ligijiet ta' Malta) Fl-ahhar nett ingiebet akkuza a basi tal-kapitolu 152 tal-Ligjiet ta' Malta.

Ikkunsidrat.

Illi in rigward l-akkuzi migjuba taht il-Kapitolu 101 citat, ghandu jinghad li applikabbli ghal dan il-kaz hemm l-artikoli hawn fuq citati pero kif emmendati sal-1986 permezz tal-Att numru VIII ta' din is-sena.

Illi l-akkuzi taht dawn il-Kapitoli jirreferu ghal:

a) Assocjazzjoni ma' persuna ohra f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika kokajina fl-istess gzejjer. Dwar din l-akkuza jigi nnotat illi skond l-artikolu 22(1A) assocjazzjoni tezisti malli jigu kkumbinati jew miftiehma l-mezzi, jkunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu. Inoltre skond is-subinciz (1B) ibid il-kelma "jittraffika" tinkludi l-importazzjoni u attivitajiet ohrajn.
b) Pussess ta' kokajina kif specifikata fl-ewwel skeda tal-istess Kapitolu citat.
c) Pussess tal-pjanta "Cannabis" jew parti minnha.
d) Importazzjoni u attivitajiet relatati ta' medicini perikoluza.
e) Fornitura u attivitajiet relatati mal-istess kokajina.

U dan kollu bhala komplici skond l-artikolu tal-Kodici Kriminali hawn fuq citat.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi sintetizzati l-akkuzi in ezami, bl-artikoli relattivi taht il-Kapitolu 101 il-Qorti ma tistax ma tghaddix xi kummenti dwar l-istat u l-gbir tal-provi kif ingiebu a konjizzjoni Taghha wara l-gheluq finali tal-Kumpilazzjoni. Di fatti jirrizulta illi hemm diversi provi li huma neqsin mill-atti fosthom is-segwenti:
i) Kif diga inghad, bhala espert forensiku kien gie nominat, originarjament, Dottor Anthony Abela Medici illi kien involut, tista tghid, mil-bidu nett ta' dan il-kaz u jidher ukoll illi kien issottometta ir-rizultanzi tieghu permess tar-relazzjonijiet hawn fuq indikati. <u>Pero r-relazzjonijiet mmarkati bhala Dok AAM 1 u Dok AAM X ma nstabux in atti.</u> Dwar dan in-nuqqqas ghandu jinghad illi r-rizultanzi sottomessi mill-istess espert kienu inkluzi fl-imsemmi Dok AAMX li pero, kif diga inghad, ma kienx in atti meta dawn kienu intbaghtu lil din il-Qorti kif preseduta. In rigward dan pero, jirrizulta kif premess, illi kien gie nominat 'espert iehor' u dan sabiex jezamina l-kampjuni li kienu qed jinzammu skond kif specifikat a fol 194 tal-atti fejn jissemma li dawn il-kampjuni "... ghadhom ghand il-Magistrat Scicluna". Ghal dan il-ghan l-espert li ssostitwixxa dak originali, irtira d-dokumenti li jinsabu a fol

208B u huma mmarkati bil-kodici tal-laboratorju forensiku ossija 89AGH06, 89AFL 07, 89AFL 01A, 89AFL01E, 89AFL01D, 89AFL01C, 89AFL01B, 89AFL01B, 89AFL09B, 89AFL09A, 89AFL05, 89AFL05B/ 05F/05A/ 05C/05D/05E bir-rizultanzi a fol 209 u fol 210 ibid. Hawnhekk il-Qorti rat jekk effettivament, mill-atti tirrizultax l-hekk imsejjha 'katina tal-evidenza" sabiex tara jekk jirrizulta b'mod car illi dak analizzat minn Dottor Michael Sammut kellux origini fil-kontenut tal-'frame' sostitwit kif wkoll dak it-trab abjad li instab u gie elevat waqt l-access f'Ghawdex. Dwar dan il-Qorti regghet rat u qrat ir-relazzjonijiet kollha in atti bix-xhieda relattivi cioe :

a) <u>Dok JE</u> (fol 50 et seq ibid) bix-xhieda ta' Dottor Anthony Abela Medici a fol 82 fejn jinghad illi ".... naqqast minnha (ossija l'bulk tal-kokajina) kampjonarju li qieghed nippresentaha bhala dokument 89AGH06 a fol 83 fejn jinghad "Qieghed nippresenta il-kampjunarji kollha mitlub mill-Qorti cioe 89AFL01A sa 89 AFL01E, 89AFL05, 89AFL05A sa 89AFL05F, 89AFL09A u 89AFL09D. "Qieghed nippresenta il-'bulk' 89AFL05 u 89AFL07 li ghandhom jigu distrutti" a fol 175 b'referenza ghar-relazzjoni mmarkata Dok AMC a fol 179 fejn jinghad "..... id-dokument 89ALF (presumibbilment AFL) 01A,01B, 01C, 05 u 07 li kont gejt ordnat wkoll biex niddistruggi b'ordni tal-istess Qorti tas-17 ta' Frar 1989 dawn gew distrutti fil-11 ta' Dicembru 1989" ..... (ara wkoll fol 179 u a fol 180 tal-atti) ossija r-relazzjoni tad-distruzzjoni kif ordnata li fiha ma hemm ebda accenn ghal kampjuni li setghu ttiehdu).

b) Il-Lista bid-data tas-17 ta' Jannar 1992 ta' dokumenti rtirati minn Dottor Michael Sammut u r-relazzjoni ta' dan l-espert a fol 208b u 209 et seq ibid).

c) Ir-relazzjoni sottomessa minn Dottor Anthony Abela Medici (Dok VDG a fol 259) ossija lista tad-dokumenti kollha ippresentati minnu kif immarkati u deskritti minnu stess. Dwar dan jidher illi ".... kien hemm xi ftit li ma nstabux meta saru l-accertamenti. Fil-fatt fl-istess lista d-dokumenti mmarkati <u>bl-ahmar</u> kienu instabu waqt li dawk immarkati <u>bil-blue</u> ma nstabux ossija dak immarkat 89AFL 02A deskritt a fol 261 u dak mmarkat 89AFL04, kif deskritt a fol 262, dak mmarkat 89AFL 07A sa 09 a fol 263 kif ukoll dak mmarkat 89 AFL 17 sa 21 kif deskritt a fol

264. A fol 266 tinsab l-istess lista citata b'referenza ghad-deskrizzjoni tad-droga meta gie citat l-imsemmi Dok AMC.

Illi kif jidher mill-premess wara li l-Qorti ezaminat b'certa reqqa r-relazzjonijiet mmarkati Dok AMC u Dok VDG u l-lista ta' dokumenti rtirati minn Dottor Michael Sammut a fol 209b l-istess Qorti hi sodisfatta illi l-katina tal-evidenza tirrizulta intatta fis-sens illi fl-17 ta' Jannar 1992 Dottor Michael Sammut kien irtira ghall-analizijiet relattivi kampjunarji kif mmarkati minn Dottor Anthony Abela Medici bhala 89AFL07, 89AFL01A, 89AFL01B u 89AFL05 wara li dan l-espert kien ipprelevahom mill-bulk tad-droga in ezami liema fatt jirrizulta minn atti ohrajn avolja kif diga gie rilevat ma instabux zewg relazzjonijiet sottomessi minnu.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward il-fatti in desamina ghandu jigi nnotat mill-bidu nett illi meta xehed "viva voce" u taht gurament quddiem din il-Qorti kif preseduta, l-akkuzat ta verzjoni tal-fatti differenti minn dik li hu stqarr meta irrilaxxa t-tieni stqarrija tieghu lill-pulizija. L-istess akkuzat iggustifika dan il-fatt billi meta xehed kien iddecieda li jghid il-verita billi jikxef ir-rwol, f'dan il-kaz, ta' huh Frank Theuma, indikat mill-akkuzat bhala l-protagonista fl-fl-importazzjoni tal-kokajina in kwistjoni kif hemm spjegat meta giet sintetizzata x-xhieda tal-istess akkuzat. Fl-istess xhieda l-akkuzat jasserixxi u jsostni li hu ma importa l-ebda droga f'Malta u "lanqas ma ridt l-istess droga". In sostenn ta' dan hu kien ipproduca lil Michaelangelo sive Milo Vassallo, il-Konslu Generali malti f'Toronto fil-Kanada li rrakonta kif certu Frank Theuma kien qallu li kien jibghat id-droga in kwistjoni lejn Malta biex din tkun disponibbli ghalih meta jigi hawn u bhala konsegwenza ta' tali "gennata" kien "sallabt lil hija". Xhud iehor prodott ghall-istess skop kien Charles Grech, ir-ragel ta' oht l-akkuzat illi semma episodju rakkuntat mill-istess akkuzat meta Frank Theuma kien baghat 'frame' iehor kontenenti l-istess tip ta' droga lil omm l-akkuzat u martu Pauline. Fl-ahhar nett dejjem ghall-istess skop gie prodott kemm Angelo Bartolo kemm Peter Vella, dan tal-ahhar dak li

esebixxa l-ittra miktuba u mibghuta minn Frank Theuma u li tinsab a fol 336 tal-atti kif diga nghad.

Illi jrid jinghad illi kif rizultanti mill-atti li l-istess Frank Theuma waqt li dan il-kaz kien fl-istadju tad-difiza, effettivament kien gie Malta u kien qed jigi processat in konnessjoni ma' dan il-kaz. Pero dan ma giex prodott sabiex jixhed f'dawn il-proceduri meta dawk fil-konfront tal-imsmemi Frank Theuma kienu gew konkluzi finalment. Ghalhekk il-Qorti trid u ghandha tikkunsidra dak li xehedu in difesa kemm Michaelangelo sive Milo Vassallo, kemm Peter Vella, kemm Angelo Bartolo kemm Charles Grech u dan abbinat ma' dak li ddeporra 'viva voce' l-istess akkuzat.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-akkuza ta' assocjazzjoni kif migjuba a bazi tal-artikolu 22 (1) (ii) (f) tal-Ligi in materia kif emendata bl-artikolu 2 tal-Att numru VIII tal-1986 bhala subinciz IA, il-frasi "assocjazzjoni ta' persuni" jinghad li tesisti "malli jigu kkumbinati jew miftiehma l-mezzi, jkunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni ghandhom jagixxu". Ghalhekk il-prosekuzzjonni kellha tipprova minghajr ma jissussti dubbju ragonevoli li l-akkuzat kien assocjat ma' persuni ohra f'dan il-kaz Susan Phillips u huh Frank Theuma sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'dawn il-gzejjer inkluza l-importazzjoni tal-istess medicina ossija kokajina. Dwar dan il-punt, wara li l-Qorti qieset il-provi kif hawn fuq esposti kemm dawk prodotti mill-prosekuzzjoni kemm mid-difiza, il-Qorti tara illi hemm dubbju dettat mir-raguni illi l-akkuzat kien assocjat mal-persuni imsemmija fl-importazzjoni u traffikar ta' kokajina. Dan ifisser li hu altament possibbli illi l-akkuzat kien qed jircievi, hawn Malta l-istess droga minghajr l-ebda forma ta' xi ftehim ma' huh jew l-istess 'Susan Phillips" li dwarha ftit jew xejn ingiebet xi informazzjoni a konjizzjoni tal-Qorti. Dwar dan il-punt il-Qorti kienet milquta partikolarment dwar il-'frame' kontenenti droga mibghut lill-omm l-akkuzat minn huh Frank Theuma kif irrakontat minn Charles Grech u l-istess akkuzat.

Illi l-istess konkluzzjoni ghandha tigi milhuqa in rigward l-akkuza ta’ komplicita kif migjuba skond l-akkuza numru tmienja (8).
Illi dwar l-akkuza ta’ traffikar, hawn Malta, ghandu jigi premess illi qabel ma saru u gew introdotti emendi fil-ligi permezz tal- Att numru VI tal-1994 sabiex wiehed seta jinstab hati tal-akkuza ta’ traffikar ta’ medicina perikoluza, kellu jigi pruvat illi l-istess droga tkun ghaddiet minn bniedem ghall-iehor minhabba l-fatt illi sakemm saru dawn l-emmendi ma kienitx tezisti l-figura tal-possessur jew detentur ta’ droga bl-intenzjoni  li jittraffikaha.  Fil-kaz in desamina ma ingiebet ebda prova sostenibbli illi dan sehh fis-sens li l-akkuzat effettivament, u bhala fatt, ittraffika d-droga kokajina u ‘cannabis’ in ezami.

Illi dwar l-akkuza ta’ pussess ta’ kokajina u ‘cannabis’ diga saret referenza ghar-relazzjoni ta’ Dottor Michael Sammut u r-relazzjoni ...... gravi maghmulin dwar din kif spjegat aktar il-fuq u jidher car li l-kampjuni rtirati mill-istess espert jissodisfaw l-hekk imsejjha ‘katina tal-evidenza’ u rrisultaw li kienu kokajina (ara per ezempju l-kampjuni mmarkati 89AGH06, 89 AFL 09Q u 89 AFL01D u r-rizultanzi relattivi a fol 211 u 212 tal-atti).

Illi l-istess ghandu jinghad in rigward pussess tal-pjanta ‘cannabis’ jew parti minnha.

Illi in rigward l-akkuza numru sebgha (7), mill-provi prodotti jidher li l-akkuzat kiser il-ligi in materia. Hawnhekk qed issir referenza ghax-xhieda ta’ Joseph Apap (fol 254 tal-atti) u dik ta’ Ivan Camilleri (fol 103 et seq ibid tal-atti).  L-ewwel xhud spjega li ma kien hemm ebda record in rigward l-akkuzat f’dak li ghandu x’jaqsam ma kontroll tal-kambju.  Mix-xhieda moghtija u r-relazzjoni sottomessa minn Ivan Camilleri espert nominat mill-istess Qorti, kif diversament preseduta jirrizulta li l-akkuzat kellu erba’ kontijiet esteri kif indikat a fol 111 tal-atti.  Pero jidher wkoll li dan l-espert ma setax jindika l-bilanci f'dawn il-kontijiet hlief in rigward wiehed li kien jindika li fl-ahhar ta’ Lulju 1987 kien hemm Liri sterlini 27,016.73.  In oltre a fol 113 hemm elenkati diversi depoziti u ‘withdrawals’ li saru mill-istess kontijiet .  Pero ma setax jigi accertat, mid-

dokumenti ezaminati, minn fejn originaw il-flus depozitati jew ‘fejn marru il-gbid (withdrawals) imsemmija hawn fuq’. Jista, pero, jigi sottolinejat illi tali gbid u depositi saru matul l-1982 u l-1987 cioe barra mill-perjodu ta’ zmien rilevanti ghal dan il-kaz. Dwar l-istess akkuza jidher li din ingiebet a bazi tal-artikolu 9(1) u 23 (1) tal-Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta’ Malta u mill-provi prodotti jidher li l-akkuzat ikkommetta r-reati addebitati lilu u b’hekk irid jigi applikat artikolu 41 tal-istess kapitolu citat waqt li jerga jigi sottolinejat illi ma setax jigi stabbilit il-bilanc f’kull kont kemm kurrenti kemm ‘savings’ meta nhargu l-akkuzi in ezami.

Illi fl-ahhar nett dwar l-akkuza ta’ ksur ta’ ‘probation’ issir referenza ghax-xhieda tal-ispettur Joseph Grech u ghall-kopja legali ta’ sentenza esebita in atti a fol 68 u fol 69 minn fejn jidher illi l-akkuzat kien instab hati ta’ delitt konsistenti fi hsara volontarja ammontanti ghal Lm8 ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta kif ukoll ta’ zewg kontravenzjonijiet, liema sentenza inghatat fid-19 ta’ Ottubru 1988 u permezz taghha l-akkuzat kien inghata l-beneficcju ta’ ‘probation’. Pero in vista li din is-sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex u Kemmuna) din il-Qorti trid tapplika l-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, tibghat lill-akkuzat quddiem din il-Qorti li ghandha gurisdizzjoni ghaliha sabiex tinghata d-decizjoni finali dwar dan il-ksur.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ghalhekk u a bazi ta’ dak premess l-akkuzat ghandu jinstab hati tal-tielet (3) tal-hames (5), tas-sebat (7) akkuzi waqt li ghandu jinstab mhux hati tal-ewwel (1) tat-tieni (2) tar-raba (4) tas-sitt(6) u tat-tmien (8) akkuza waqt li in rigward id-disat(9) akkuza ma tistax tiehu konjizzjoni taghha izda ghandha tingieb a konjizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex u Kemmuna).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li ssib lill-akkuzat mhux hati talli f’dawn il-gzejjer f’dawn l-ahhar sentejn qabel l-4 ta’ Frar 1989, b’diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet

differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f’dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medica (Kokajina) f’dawn il-gzejjer kontra d-dispo-sizzjonijiet tal-Ordinanza jew li ppromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanza l-assocjazzjoni bi ksur tal-Artikolu 22 (1) (ii) (f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista tigi importata medicina perikoluza (Kokajina) f’dawn il-gzejjer hlief skond id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi Kap 101 bi ksur tal-artikolu 14 (5) ta’ din l-Ordinanza.

3. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga (Kokajina) specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-kontroll tal-Medicini Perikoluzi Kap 101 lil persuni jew ghal xi persuni minghajr ma kellu licenzja kif ukoll ghalih nnifsu liema licenzja tkun mahruga mill-President tar-Repubblika ta’ Malta sabiex iforni drogi u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-tabib principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzazzjoni li jimmanifattura d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939.

4. Importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista tigi mportata medicina perikoluza f’dawn il-gzejjer hlief skond id-dispozizzjonijiet tal-kap 101 bi ksur tal-Artikolu 14 (5) ta’ din l-Ordinanza.

5. Huwa jinsab komplici fir-reati msemmija hawn fuq meta ta ordni lil haddiehor biex jaghmlu dawn id-delitti jew gieghel li dawn id-delitti jsiru b’mezzi ta’ rigali, weghdiet, theddid, maniggi jew ghemil qarrieqi jew b’abbuz ta awtorita jew setgha jew li ta struzzjonijiet biex isiru dawn id-delitti b’xi mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitti msemmija fl-atti li bihom dawn id-delitti gew ippreparati jew ikkunsmati kif ukoll xewwex lil haddiehor inkella sahhah il-volonta tieghu sabiex jghamel dawn id-delitti jew wieghed li wara l-fatt jassistihom, jieqaf

maghhom jew jikkompensahom bi ksur tal-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali.
U tilliberah minnhom issib lill-akkuzat hati talli f'dawn il-gzejjer f'dawn l-ahhar sentejn qabel l-4 ta' Frar 1989, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga (Kokajina) specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi Kap 101 meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall- esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonjiet tas-sitt taqsima tal- Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-drogi u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-President tar- Repubblika ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-Drogi perikoluzi (G.N 292/1939) mill-President tar-Repubblika ta' Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija kienet giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 100 tar-Regoli tal-1939 ghal kontroll intern tat-drogi perikoluzi (GN292/1939).
2. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis jew parti minnha bi ksur tal-artikolu 8 (d) tal-kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Minghajr il-permess tal-Ministru responsabbli ghal Finanzi bhala persuna residenti f'Malta ghamel hlas barra minn Malta lil jew ghak-kreditu ta' persuna mhux residenti u ghamel xi haga li tinvolvi, kellha x'taqsam ma jew kienet preparatorja ghall-ghemil ta' xi hlas bhal dak kif ukoll minghajr il-permess tal-Ministru bhala persuna residenti ghamlet jew obbligat ruhha li taghmel investiment barra minn Malta u naqas milli jaghmel prospett lil Ministru b'dak il-mod, f'dak iz-zmien jew zminijiet u f'dak il-perjodu lil Ministru ordna u naqas li jaghti dawk il-partikolaritajiet dwar dak l-investiment kif mehtieg mill-Ministru.

U dan skond l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta tar-regolament numru 8 tal-Avviz Legali numru 292/39 kif sussegwentement emmendat tal-artikolu 22 (2)

(b) (i) tal-istess Kapitolu 101 u l-artikolu 9 (1) , 23 (1) (2) (3) u 41 tal-Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In rigward il-piena il-Qorti wara li kkunsidrat illi sakemm gew konnessi d-delitti in ezami l-akkuzat kien instab hati biss ta’ zewg reati li kienu jinvolvu il-kontroll tal-prezzijiet fuq zraben u hsara volontarja ammontanti ghal Lm8 ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta flimkien ma’ zewg kontravenzjonjiet relatati. Ghalhekk il-Qorti tara li kunsidrat ukoll l-ammont ta’ droga nvoluta ghandha timponi piena ta’ prigunerija skond l-artikoli citati izda jigi applikat l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali flimkien mal-multa specifikata fil-ligi.

Ghalhekk in rigward l-akkuza taht il-Kapitolu 101 citat il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghall-piena ta’ sitt(6) xhur prigunerija sospiza ghall perjodu ta’ sentejn bil-kundizzjoni li ma jikkommiex reat iehor suggett ghall prigunerija fl-istess perjodu ta’ sentejn kif ukoll ghal hlas ta’ Lm1000 bhala multa.

In rigward l-akkuza taht il-kapitolu 233 tal-Ligjiet ta’ Malta il-Qorti wara li kkunsidrat illi ma setax jigi stabbilit l-ammont ta’ flus involuti f’dan il-kaz tara li ghandha timponi piena pekunjarja kif ukoll il-konfiska ta’ flejjes kollha kontenenti fil-kontijiet bankarji barranin kif elenkati a fol 111 tal-atti fir-relazzjoni ta’ Ivan Camilleri hawn fuq imsemmija

Ghaldaqstant il-Qorti, in rigward din l-akkuza, b’applikazzjoni tal-Artikoli gia citati, tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ LM1500 (elf u hames mitt lira maltin) bhala multa kif ukoll tordna l-konfiska tal-flus kollha depozitati fl-imsemmija kontijiet bankarji barranin.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat il-konsegwenzi tal-ksur ta’ din is-sentenza.

Fl-ahhar nett il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tordna lill-akkuzat sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjes kollha in rigward konferma u

jew nomina ta’ esperti waqt dawn il-proceduri in rigward relazzjonijiet effettivament in atti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------